Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,747, 6 ta' Mejju, 2011
Taqsima B

A.L. 173 tal-2011

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Toroq Ġodda u Xogħlijiet f'Toroq (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u dħul fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Toroq Ġodda u Xogħlijiet f'Toroq (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2010 dwar Toroq Ġodda u Xogħlijiet f'Toroq, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 29 tal-2010.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju, 2011.

Jemenda ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minflok it-tifsira "xogħlijiet minuri" għandu jidħol dan li ġej:

" "xogħlijiet minuri" tinkludi xogħlijiet li jkunu jikkonsistu –

(a) fl-għoti lil konsumatur ta' servizz ipprovdut minn, jew li jkun maħsub li jiġi provdut minn, fornitur ta' servizz ta' utilità jew fornitur ta' servizz tal-komunikazzjoni u li jinkludi tħaffir li ma jkunx jeċċedi medda totali ta' tliet metri kwadri;

(b) l-użu ta' ħofra ta' aċċess għal skop ta' tħaffir ta' kanali, assessjar, tiswija, jew żamma ta' infrastruttura taħt triq mingħajr ma jiġi effettwat it-traffiku u li ma tkunx teħtieġ taħfir;

(c) it-taħfir ta' ħofor kbar bi prova biex tiġi assessjata jew investigata infrastruttura midfuna;

(d) it-tqegħid ta' xi ħaġa fit-triq li direttament jew indirettament tfixkel lit-traffiku;

(e) l-istallazzjoni, it-tiswija jew il-manutenzjoni ta' oġġetti għall-kontroll tat-traffiku u attrezzaturi f'toroq abitati li ma jkunux jeħtieġu taħfir;

(f) il-manutenzjoni li ssir b'rutina ta' toroq lokali, distributorji u arterjali;".

Jissostitwixxi l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-EWWEL SKEDA

(Regolament 27)

Il-ħlasijiet li għandhom isiru lill-Awtorità għall-għoti ta' permess huma dawn li ġejjin:

Permess	Drittijiet għall-ipproċessar	
RWP1 Permess għal Xogħlijiet Maġġuri f'Toroq	(a) Xogħlijiet, li ma jkunux jeċċedu tul ta' 10 metri , li jkunu se jsiru f'toroq lokali jew residenzjali …….	€10
	(b) Xogħlijiet, li jkunu jeċċedu tul ta' 10 metri, li jkunu se jsiru f'toroq lokali/residenzjali …….	€120
	(ċ) Xogħlijiet li jkunu se jsiru f'toroq distributorji u arterjali ……	€120
	(d) Xogħlijiet ta' kostruzzjoni ta' toroq …….	€120
RWP2 Permess għal Xogħlijiet ta' Emerġenza f'Toroq	(a) Għal kull permess RWP 2 maħruġ ……...	€12
	(b) Għal servizzi mogħtija mill-uffiċjali tal-Awtorità li jissejjaħ fil-post, għal kull siegħa jew parti minnha …….....	€60
	(ċ) Piena meta l-uffiċjal tal-Awtorità jissejjaħ għal emerġenzi li jkunu foloz …….....	€120
RWP3 Permess għal Xogħlijiet Minuri, Manutenzjoni u Tiswija f'Toroq	(a) Xogħlijiet f'toroq residenzjali [eskluż dawk ix-xogħlijiet imsemmija fil-paragrafu (b) tat-tifsira "xogħlijiet minuri" fir-regolament 2]	€2.50
	(b) Xogħlijiet f'toroq arterjali jew distributorji [eskluż dawk ix-xogħlijiet imsemmija fil-paragrafu (b) tat-tifsira ta' "xogħlijiet minuri" fir-regolament 2] …….....	€24
	(ċ) Xogħlijiet f'isem l-Awtorità u dawk imsemmija fil-paragrafu (b) tat-tifsira "xogħlijiet minuri" fir-regolament 2 …….....	Xejn

".